**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 357/15 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewgu fit-28 ta' Lulju 1984;
2. Illi mill-istess unjoni ma kellhomx tfal;
3. Illi permezz ta' sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-Qorti fl-ismijiet A B vs C B, 368/89 fid-data ta' 1/7/92, il-Qorti ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet (Dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok A sa G rispettivament);
4. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur, anke' minhabba l-fatt li t-tnejn li

huma qeghdin f'relazzjoni ma terzi persuni u ghandhom familja ghal rashom;

5. Illi l-partijiet ghandhom dhul adegwat ghalihom, u in oltre' m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet;

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex skont dawk ir-ragunijiet li jidhrilha xierqa u opportuna :

(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fit-28 ta' Lulju 1984 bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi (Art 66A(1), Kap. 16);

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art 66A(4) Kap. 16);

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza datata l-1 ta' Lulju 1992;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.